MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 392/2014

**Modern Design Limited**

**vs**

**Josella Terribile**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ Josella Terribile tat-2 ta’ Mejju 2014 sabiex jigi revokat il-mandat ta’ qbid kawtelatorju 640/2014 fl-istess ismijiet liema mandat gie ezegwit f’Parkes Pharmacy f’San Pawl il-Bahar proprjeta ta’ u gestit mill-istess rikorrenti bhala spizjara. L-esekuzzjoni tal-mandat gie miltub fuq ’flejjes u kontanti f’ispizerija Parkes Pharmacy inkluz dawk fil-cash register u fuq il-persuna ta’ Josella Terribile’;

Ir-rikorrenti issostni illi kontra dan il-mandat japplika d-dispost tal-artikolu 294(d) li jghid li mandat ta’ qbid mhux esegwibbli fuq il-makni jew l-ghodda mehtiega ghat-taghlim, jew ghall-ezercizzju tax-xjenza jew l-arti tad-debitur jew tat-tfal tieghu;

Ir-rikorrenti issostni illi l-ispizerija hu l-uniku mezz ta’ ghixien taghha u l-qbid tal-flus mill-ispizerija iggib fix-xejn l-operazzjoni tal-ispizerija billi ma jkunx jista’ jigi operat in-negozju tal-intimata u ma tkunx tista’ tezercita l-professjoni ta’ spizjara u bhala konsegwenza jista’ jwassal ghal gheluq tal-ispizerija in kontravenzjoni tal-ligijiet dwar ftuh ta’ spizerija;

Ir-rikorrenti izzid illi l-intimat gia ghamel sekwestru kontriha u illi ma hax mizura ohra ta’ kawtela tal-allegat kreditu li sar ghal xogholijiet allegatament maghmula fi proprjeta appartenenti lilha fuq l-istess proprjeta;

L-intimat irrisponda illi flus ma humiex koperti bl-ezenzjoni tal-artikolu 294(d) izda huma l-ghodda u makni biss, u l-artikolu in kwistjoni ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fl-ewwel lok trid timxi mad-dispozizzjoni tal-ligi u fil-parametri tal-istess dispozizzjoni. L-ezenzjoni moghtija fl-artikolu 294(d) hi intiza minn kliemha stess biex l-oggett jew oggetti indispensabbli sabiex id-debitur jibqa’ jezercita l-mestjier tieghu ma jinqabdux u ghalhekk igib fix-xejn il-mezz ta’ introjtu tad-debitur.

F’dan il-kaz ir-rikorrenti qed issostni li l-flus fil-cash register huma l-mezz tal-ghixien taghha u cioe jikkostitwixxu l-ghodda u l-makni li bihom taqla’ l-ghixien. Din il-Qorti ma tqabilx ma’ tali argument. Il-flus huma parti importanti mill-ghixien ta’ kulhadd pero dan ma jfissirx li l-flus huma ezenti milli jinqabdu in kawtela ta’ allegat kreditu. Zgur illi r-rikorrenti ma kinitx dipendenti mill-flus li kellha fuqha u fil-cash register meta gie ezegwit il-mandat, ghall-ghixien taghha. Lanqas hu verosimili illi kieku r-rikorrenti halliet l-ezekuzzjoni issehh, ir-rikorrenti kienet ser tigi kostretta taghlaq u twaqqaf il-professjoni taghha. La darba hemm allegat kreditu, il-kreditur ghandu jkollu d-dritt li jikkawtelah bil-mezzi li taghtih il-ligi b’riserva tad-drittijiet tal-peruna li kontra tieghu jigi esegwit il-mandat jekk il-kreditu fil-fatt ma jirrizultax dovut. Id-debitur ghandu mezzi ohra biex jissalvagwardja l-interessi tieghu bil-mod li taghtih il-ligi f’diversi dispozizzjonijiet relatati ma’ hrug ta’ mandati kawtelatorji.

Irid isir bilanc bejn il-jeddijiet ta’ kredituri u debituri. F’dan il-kaz il-kreditur ma talabx il-hrug tal-mandat fuq il-cash register innifsu li zgur hu makna indispensabbli ghall-prosegwiment tal-operat tal-ispizerija fil-hin tal-ftuh taghha izda fuq il-flus li kienu jinsabu fih fil-mument tal-esekuzzjoni tal-mandat. Dan jista’ jkun ta’ inkonvenjent disturb jew diffikulta ghar-rikorrenti izda zgur mhix talment pregudizjevoli li ser twaqqafha milli tkompli topera l-ispizerija jew tezercita l-professjoni ta’ spizjara apparti li kif gia inghad il-flus fil-cash register ma jikkostitwux l-ghodda u l-makni li bihom tezercita l-professjoni u n-negozju taghha. In oltre d-debitur ghandu mezzi ohra li taghtih il-ligi biex jassikura li jkompli bla tfixkil jew inkonvenjent l-ezercizzju tan-negozju u/jew professjoni pendenti l-ezitu tal-mertu tal-pretensjonijiet tal-kreditur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrenti mhix gustifikata fit-talba taghha u qed tichadha. Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------